# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111     Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt      Website : www.gharghur.gov.mt


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60

Data tal-laqgħa: 17 ta' Diċembru, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| Assenti b'Apoloġiji | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat (Skużata) |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**60/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**60/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Mark Azzopardi. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**60/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 59**

**60/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**60/02/02** **Para 59/02/04:** Is-Sindku qal li s-Sur Salvu Fenech beda x-xogħol fuq is-saqaf ġdid għal gazebo ta' Ġnien il-Paċi. Is-Sur Christopher Fenech qal li s-Sur Salvu Fenech nformah li hemm madwar 4 pilastri li għandhom bżonn jinbidlu. Is-SE qalet li ħa titolbu stima mbagħad tibgħatha lill-Kunsilliera għal approvazzjoni tagħhom.

**60/02/03** **Para 59/02/05:** Is-Sindku qal li Sur Sebio Aquilina (Audiovisual Production) bgħat ir-ritratti u l-dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq l-*information panel*.

**60/02/04** **Para 59/02/08:** Is-Sindku spjega li l-*fence* u *welding* li kellu jagħmel il-Muzzan fi Triq Għaxqet l-Għajn għadha pendenti.

**60/02/05** **Para 59/02/10:** Is-Sindku spjega li l-grada ġdida fi Ġnien il-Paċi saret. Is-Sur Christopher Fenech qal li ġiet ftit qasira. Għaldaqstant, kien hemm qbil li ngħidu lill-Muzzan biex iżid biċċa oħra magħha.

**60/02/06** **Para 59/02/18:** Is-Sindku qal li toqob li ħa jsiru fi Triq San Ġwann, Triq San Bert u Triq Għaxqet l-Għajn (ħdejn id-Duluri) għadhom pendenti.

**60/02/07** **Para 59/02/19:** Is-Sindku nforma li l-Perit tal-Kunsill ħa jikteb lil ENEMALTA plc peress li wara li sar ix-xogħol min-naħa tagħhom, mit-triq/bankina qed jidħol ħafna ilma f'residenza fi Triq Stiefnu Zerafa.

**60/02/08** **Para 59/02/25:** Is-Sindku qal li l-ħaddiema tagħna ħa jagħmlu kanal żgħir fejn joqgħod l-ilma fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**60/02/09** **Para 59/02/26:** Is-Sindku nforma li l-librerija miftuħa li ħa ssir fi Ġnien il-Paċi ħa tkun lesta f'Jannar. Is-SE ħa tikteb lin-*National Literacy Agency* biex forsi jkunu jistgħu jipprovdu xi kotba. Min-naħa tagħhom il-Kunsilliera lesti li jipprovdu kotba għal din il-librerija.

**60/02/10** **Para 59/02/27:** Is-Sindku spjega li l-istrixxi taz-*zebra crossing* fi toroq prinċipali saru ħomor u bojod.

**60/02/11** **Para 59/03/01:** Is-Sindku qal li morna l-qorti biex nieħdu l-flus lura tal-ispejjeż legali wara li ġejna nfurmati li l-Bord tal-Gvernaturi ħa żball u li l-fond numru 27 fi Triq San Bartilmew ħa jiġi devolut lil Kunsill. Il-kawża ħa tkompli tinstema' fl-14 ta' Jannar 2019.

**60/02/12** **Para 59/03/02:** Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Sqaq ix-Xgħajrat jinsab fl-aħħar fażi.

**60/02/13** **Para 59/03/04:** Is-Sindku spjega li ser isir kuntatt mad-DLG U PA rigward permess ta' GP Borg fi Triq tal-Balal u li dan tal-aħħar irid jagħti €260,000 biex naraw kif ser jaħdem dan il-ftehim. Ser ninsistu sabiex il-pagament ta' GP Borg jiġi kollhu għandna peress li l-iżvilupp ser isir kollhu fil-lokalità tagħna. Ser ninsistu wkoll biex il-pagament jgħaddi lilna fi flus u mhux *in kind*.

**60/02/14** **Para 59/03/05:** Is-Sindku qal li d-dawl tal-bozza tal-fanal LED jista' jsir *warm white* u li jkun aktar għaqli li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet.

**60/02/15** **Para 59/03/06:** Is-Sindku nforma li wara li saret il-laqgħa mas-Sur Fredrick Azzopardi fejn kien hemm diskussjoni fuq it-toroq li nixtiequ li jsiru mill-Gvern, il-Kunsill bagħat ittra-e bl-informazzjoni kollha.

**60/02/16** **Para 59/03/07:** Is-Sindku spjega li l-Kunsill wera l-interess biex l-attività tal-Milk Fest terġa' titella'.

**60/02/17** **Para 59/03/08:** Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis ħa jkun hemm il-Party tal-Milied organizzat mis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali u l-Ġimgħa ħa jkun hemm il-Mixja sal-Għar.

**60/02/18** **Para 59/03/09:** Is-Sindku spjega li l-Kunsill kiteb lil Transport Malta sabiex il-karozzi tal-linja jintfew u l-venda tibqa' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu jew inkella s-servizz tal-karozzi tal-linja jkun ċirkulari. Barra minn hekk, qal li l-Kunsill ma jaqbilx li l-venda tmur fi Triq San Ġwann.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**60/02/19** **Para 59/06/06:** Is-Sindku qal li tlabna stima għal *crash barrier* u l-*bollard* tal-ħadid għal mal-koxxa tal-knisja biex jgħatu aktar protezzjoni.

**60/02/20** **Para 59/06/09:** Il-Kunsill gie nfurmat li l-ittra ta' oġġezzjoni fuq il-permess PA/09550/18 [Changes to Summit Sheep Farm , Class 5A – (light industry), Għargħur , including construction of new basement to allow more for a more acceptable layout for cheese production, farm inclusive of cheese-let production previously approved under PA 2806/17. Matthew Sammut, Summit Sheep Farm, Lane off Triq Għaxqet l-Għajn c/w Triq Għaxqet l-Għajn, Għargħur] intbagħtet.

**60/02/21** **Para 59/06/12:** Is-Sindku qal li l-*bin* ta' ħdejn il-latrina fi Triq San Ġwann inqala' u weħel bejn il-*bus shelter* u l-ATM.

**60/02/22** **Para 59/06/14:** Is-Sindku nforma li talba għal *bins* ħdejn il-Każin tal-Banda għadha pendenti peress li dalwaqt ħa jinbidel il-*barmen*.

**60/02/23** **Para 59/06/16:** Is-Sindku spjega li aħjar issir mera fi Triq il-Gnien faċċat tar-rampa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/02/24** **Para 59/06/23:** Is-Sindku qal li saret *site-visit* u nstab li ma hemmx isem ta' Triq fin-naħa t'isfel ta' Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li ma għandiex għalfejn issir.

**60/02/25** **Para 59/06/24:** Is-Sindku nforma li l-Kunsill bagħat ittra lis-Sid biex jiżbor is-siġra tiegħu ta' spiss jew ineħħiha u li qed iżommu responsabbli.

**60/02/26** **Para 59/06/33:** Is-Sindku qal li qed nistennew l-istima mingħand is-Sur Mario Mallia sabiex il-bankina ta' fejn joqgħod is-Sur Carmelo Bezzina ssir bil-konkos imbagħad jerga' jsir il-madum ħalli l-bankina tibqa' kif inhi illum.

**60/03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-*Draft Budget* 2019 u Rapport Amministrattiv**

**60/03/01** Is-Sindku Ġiljan Aquilina ppreżenta d-*Draft Budget* 2019 u Rapport Amministrattiv. Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tad-*Draft Budget* 2019 u Rapport Amministrattiv kif ippreżentati. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**60/04/01** Is-Sindku nforma li Infrastructure Malta reġgħu waħħlu tliet tabelli fi Triq Katerina Sammut mingħajr ma konsultaw mal-Kunsill. Il-Kunsill jaqbel li jitħalla aċċess għal min għandu garaxx imma ma jaqbilx li jinqata' l-*parking* kollu. Qal ukoll li hemm xi residenti li nformawh li għandhom iġibu petizzjoni l-Kunsill. Din il-petizzjoni ħa tintbagħat lil Infrastructure Malta. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jneħħi żewġ tabelli u jħalli biss it-tabella ta' ħdejn il-garaxx.

**60/04/02** Is-Sur Carl Grech ressaq li hemm fanal maqtugħ fi Sqaq iċ-Ċawl. Is-SE diġà nfurmat lill-kuntrattur.

**60/04/03** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li jsir *dog bin* ġdid ħdejn il-ground tal-football fi Triq Stiefnu Zerafa u sabiex nixtru *bin liners* ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/04/04** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li jsiru *double yellow lines* fi Triq l-Oratorju k/m Triq Karmnu Zarb. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**60/04/05** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li jsiru ħames *bins* fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tad-Duluri). IS-SE spjegat li l-MTA ħa tkopri parti sostanzjali mill-ispiża. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**60/04/06** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li fil-bidu tas-sena 2019 issir attività f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta u jerġa' jingħata l-premju Ġieħ Excelsior. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60/04/07** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li l-għamara tal-uffiċċju għandha bżonn tinbidel għax antika u mhix prattika. Il-Kunsill qabel li tinbidel ftit ftit.

**60/04/08** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ssir *zebra crossing* oħra fi Triq Caravaggio. Is-Sindku spjega li biex issir irid jinqata' l-*parking*. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**60/04/09** Is-Sur Mario Gauci qal li għandha ssir pressjoni sabiex il-*boundary wall* ta' Triq San Bartilmew k/m Triq l-Isqof Gargallo jersaq 'il ġewwa u sabiex titneħħa z-*zebra crossing* temporanja li saret fi Triq San Bartilmew. Kien hemm qbil unanimu.

**60/05** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**60/05/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha minbarra tal-MED Developers, Designers & Consultants Ltd (Nru 36).

**60/06** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**60/06/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar 2019 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**